# QORTI TAL-APPELL KRIMINALI

**Onor. Imħallef Dr. Neville Camilleri**
**B.A., M.A. (Fin. Serv.), LL.D., Dip. Trib. Eccles. Melit.**

**Appell Numru 457/2021/1**

**Il-Pulizija**

**vs.**

**Mustafa Al Hmeidi**

Illum 25 ta' Lulju 2023

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba kontra l-appellant **Mustafa Al Hmeidi**, detentur tal-Karta tal-Identita' bin-Numru 152082(A), akkużat quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) talli f'dawn il-Gżejjer, fix-xahar ta' Settembru 2017 u/jew fix-xhur ta' qabel b'diversi atti magħmulin minnu ukoll jekk fi żminijiet differenti u li jiksru l-istess dispożizzjoni tal-liġi u li ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda:

1. ipparteċipa f'attivitajiet sesswali ma' persuni taħt l-eta' u ċioè *Omissis*, minuri ta' tnax-il sena;

2. fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi, ikkommetta attentat vjolenti għall-pudur fuq il-persuna ta' *Omissis*, minuri ta' tnax-il sena u ċioè kontra persuna msemmija fl-Artikolu 202;

3. fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi, xjentement ġiegħel, ħajjar jew ta għajnuna jew b'xi mod ieħor għen jew assista lil *Omissis* biex taħrab jew biex tkun jew tibqa' nieqsa;

4. ikkommetta reat waqt perjodu operattiv ta' sentenza sospiża, mogħtija mill-Qorti ta' Malta, preseduta mill-Maġistrat Dr. A. Micallef Trigona LL.D. nhar it-2 ta' Marzu 2017.

Il-Qorti ġiet mitluba sabiex, barra milli tapplika l-piena skont il-liġi, tapplika wkoll Artikoli 383, 384 u 385 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta għas-sigurta' tal-vittma *Omissis*.

Il-Qorti ġiet mitluba toħroġ Ordni ta' Protezzjoni *ai termini* ta' Artikolu 412Ċ tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, kemm waqt il-mori tal-kawża kif ukoll f'każ ta' ħtija ma' kull piena li l-Qorti jidhrilha xierqa.

Il-Qorti ġiet mitluba wkoll li, jekk jidhrilha xieraq tagħmel Ordni ta' Trattament skont kif stipulat f'Artikolu 412D tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Finalment, il-Qorti ġiet mitluba li, f'każ ta' sejbien ta' ħtija, minbarra li tinfliġġi l-pieni stabbiliti mil-liġi, tordna lill-imputat sabiex iħallas l-ispejjeż li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra tal-esperti jekk ikun il-każ kif provdut f'Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tas-7 ta' Diċembru 2021, fejn il-Qorti, wara li rat Artikoli 17(h), 18, 28A, 28B, 28C, 31, 202(g)(k)(j), 204C(1), 207, 208AC1(b)(2)(a), 209A u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta:

- illiberat lill-imputat mit-tielet (3) imputazzjoni minħabba nuqqas ta' provi;

- sabet lill-imputat ħati tal-ewwel (1) u tat-tieni (2) imputazzjoni, iddeċidiet li t-tieni (2) imputazzjoni hija mezz għall-fini tal-ewwel (1) imputazzjoni u kkundannatu piena ta' tliet (3) snin priġunerija;

- fir-rigward tar-raba' (4) imputazzjoni, wara li rat Artikolu 28B tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, ordnat li s-sentenza sospiża mogħtija mill-Maġistrat Dr. Antonio Micallef Trigona (Dok. "CP 1") tibda fis-seħħ mid-data tas-sentenza appellata;

- *ai termini* ta' Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, ikkundannat lill-imputat għall-ispejjeż peritali li jammontaw għal mitejn u disgħa u ħamsin Euro u sebgħin ċenteżmu (€259.70);

- a bażi ta' Kapitolu 518 tal-Liġijiet ta' Malta ordnat li isem l-imputat jitpoġġa fir-Reġistru mwaqqaf a bażi tal-Att in kwistjoni u konsegwentement ordnat li kopja tas-sentenza tiġi notifikata lir-Reġistratur tal-Qrati għall-annotazzjoni neċessarja.

Rat ir-Rikors tal-appellant ippreżentat fil-21 ta' Diċembru 2021 fejn talab lil din il-Qorti sabiex: *"jogħġobha: 1. tirriforma u tvarja s-sentenza appellata billi tikkonfermaha f'dik il-parti fejn illiberat lill-appellant mit-tielet imputazzjoni u tħassarha u tirrevokaha f'dik il-parti fejn il-Qorti sabet ħtija ta' l-ewwel żewġ imputazzjonijiet u għaldaqstant tilliberah minnhom; 2. alternattivament tvarja l-piena u minflok tikkundannah piena aktar ekwa u ġusta fiċ-ċirkostanzi tal-każ."*

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat illi dan l-appell ġie assenjat lil din il-Qorti kif preseduta fid-9 ta' Jannar 2023 b'"Assenjazzjonijiet ta' Kawżi u Doveri" mogħti mis-S.T.O. Prim'Imħallef Mark Chetcuti.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellant eżebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat it-traskrizzjoni tas-sottomissjonijiet bil-fomm li kienu saru quddiem din il-Qorti kif diversament preseduta.

**Ikkunsidrat**

Illi din hija sentenza dwar appell minn sentenza mogħtija mill-Ewwel Qorti fis-7 ta' Diċembru 2021.

Illi din il-Qorti tinnota li jkun opportun li qabel tagħmel il-konsiderazzjonijiet tagħha dwar l-aggravji mressqa mill-appellant fir-Rikors tal-appell tiegħu li l-ewwel tagħmel riferenza għal dak li jirriżulta mill-atti proċesswali u li wassal lill-appellant jiġi mixli quddiem l-Ewwel Qorti.

Illi fl-atti proċesswali jirriżulta, fost l-oħrajn, hekk:

- L-Uffiċjal Prosekutur l-i**Spettur John Spiteri** xehed li huwa kien kellem lil *Omissis* (li miċ-ċertifikat tat-twelid tagħha jirriżulta li twieldet fil-5 ta' Ġunju 2005 – *a fol.* 21). Jispjega li *Omissis* qaltlu li kienet f'relazzjoni mal-appellant u li kellha x'taqsam miegħu sesswalment. Jgħid li *Omissis* qaltlu li ma kinitx sfurzata biex ikollha x'taqsam miegħu għaliex kien hemm il-kunsens tat-tnejn. Hi kienet spjegatlu li dawn l-affarijiet ġraw aktar minn darba fix-xhur ta' Settembru 2017 u x-xhur ta' qabel. Jgħid li sab lill-appellant f'residenza ġewwa l-Marsa. Eżebixxa sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati fit-2 ta' Marzu 2017 (*a fol.* 229) li fuqha jidhru miktuba bl-idejn il-kliem *"sitt xhur priġunerija"*.

- ***Omissis*** xehdet li hi għandha tnax-il sena. Tgħid li kienet waslet id-dar tal-appellant wara li wassalha l-kuġin tiegħu minn Paceville. Tgħid li qabel kienu tawha Vodka qawwi u xi ħadd tefagħha fuq is-sodda u sabet lil *Omissis* quddiem wiċċha. Tgħid li mar l-appellant fuqha u kellu x'jaqsam

magħha u bdiet timbuttah u mbagħad bdiet toħroġ miegħu kemm tbusu. Dan kollu ġara fil-flat tiegħu fejn hemm is-sodda u s-salott. Din ġrat darbtejn jew tliet darbiet f'ġurnata. Tgħid li l-ħin kollu qagħdet timbuttah u ħallietu għax ma setgħetx tneħħieh minn fuqha. Tispjega li ma ddejqitx għax kienet tiffansjah lill-appellant. Tgħid li lil *Omissis* kienet qaltilha li kellha x'taqsam mal-appellant bilfors inkella *Omissis* kienet ser ittiha xebgħa u li *Omissis* qaltilha li dik kienet ċajta. Tixhed li lill-appellant kienet qaltlu li kellha tnax-il sena u li wara ltaqgħet miegħu xi tliet jew ħames darbiet. Tgħid li ċertu *Omissis* kien qalilha biex ma ddaħħalx lill-appellant fl-inkwiet.

Fil-<u>kontro-eżami</u> qalet li saret taf lill-appellant dakinhar li kienet marret Paceville u li kienet l-ewwel darba li marret id-dar tiegħu. Tgħid ukoll li meta kellha x'taqsam mal-appellant kienu hu u hi biss. Tgħid li ma kinitx telqet għaliex ma kellhiex daqshekk saħħa biex timxi u li l-għada ġietha s-saħħa u telqet. Tgħid li kienet reġgħet iltaqgħet mal-appellant iżda nnegat li reġgħet kellha x'taqsam miegħu u tgħid li ma kinitx raqdet ma' Sirjani oħra. Tixhed li ġieli kienet marret għand Fajiz u qatt ma kien keċċieħom. Tgħid li hi ma kinitx l-għarusa tal-appellant. Tgħid li mhijiex ċerta dwar id-dati u l-ħwejjeġ pero' kienet ċerta mill-bqija. Hija ċaħdet li kien hemm drabi oħra fejn kellha x'taqsam mal-appellant.

- ***Omissis*** xehdet li kienet *Omissis* stess li qaltilha xi kien ġara u qaltilha li ħadet gost. Tgħid li *Omissis* qaltilha li kellha x'taqsam mal-appellant darbtejn f'lejl. Tixhed li *Omissis* kienet tagħta (lil *Omissis*) daqqtejn f'wiċċha u hedditha li toqtolha jekk idaħħal lill-appellant il-ħabs. Tgħid li *Omissis* kienet sikret fid-*drink* tagħha (ta' *Omissis*) u li d-dar baqgħu biss *Omissis* u l-appellant u li mal-appellant għamlet erbat ijiem.

- **Carmen Brincat** (*Head of Care* ta' żewġt idjar ta' tfajliet bi problemi ta' mġieba) qalet li ndunaw li żewġ tfajliet ġieli

lanqas bil-lejl ma kienu qed jidħlu u bdew jippruvaw jiskopru fejn ikunu ħalli jinfurmaw lill-Pulizija. Skoprew li kienu qed ikunu ma' xi Sirjani fil-Ħamrun. Tgħid li *Omissis* ammettiet li kellha diversi drabi attivita' sesswali ma' dawn in-nies u fl-aħħar saru jafu min huma l-ismijiet. Tgħid li anke *Omissis* ammettiet imma l-attivita' sesswali tagħha kienet differenti. Tgħid li *Omissis* qalet ukoll li kellha grazzja ma' dan ir-raġel.

- **Maria Spiteri** (is-*social worker* ta' *Omissis*) xehdet li kienu jaf li *Omissis* kienet qed taħrab imma ma kinitx tagħtihom informazzjoni. Hija pproduċiet kopja ta' "Ordni għall-Ħarsien" (Dok. "MS 1" – *a fol.* 97) ta' *Omissis*.

- **Darlene Brincat** eżebiet kopja ta' "Ordni għall-Ħarsien" (Dok. "DB 1" – *a fol.* 100) ta' *Omissis*.

- ***Omissis*** xehdet fuq dak li kienu qalulha *Omissis* u *Omissis* għaliex hi ma rat xejn. Tgħid li *Omissis* kienet qaltilha li ħarġet mal-appellant. Tgħid li *Omissis* mhux veru bisitu. Tgħid li ukoll li darba kellmet lil *Omissis* u *Omissis* meta kienu maħrubin mill-*home*. Kienet taf li l-appellant kien joqgħod il-Marsa u li llum ma tantx jitkellmu hi u l-appellant.

- *Omissis* xehed li hu, *Omissis*, *Omissis*, u *Omissis* kienu fid-dar tal-appellant il-Marsa. Jgħid li kienu raqdu f'kamra waħda waqt li l-appellant kien rieqed fil-kċina. Jgħid li hu kien raqad u ma ra xejn u li *Omissis* kienet qaltlu x'talabha tagħmel Fayaz u li fuq l-appellant ma kienet qaltlu xejn.

Illi l-appell tal-appellant f'dan il-każ huwa wieħed li bażikament jorbot mal-apprezzament tal-fatti. Dwar dan din il-Qorti tagħmel riferenza għas-sentenza mogħtija fil-25 ta' Novembru 2022 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Joseph Tabone** (Numru 421/2013), fejn din il-Qorti diversament preseduta qalet hekk:

"Illi huwa spiss affermat fil-ġurisprudenza illi mhuwiex normali illi din il-Qorti ta' revizjoni tiddisturba l-apprezzament dwar il-provi magħmul mill-Ewwel Qorti jekk tasal għall-konklużjoni li dik il-Qorti setgħet raġonevolment u legalment tasal għall-konklużjoni li tkun waslet għaliha. Il-Qorti għalhekk eżaminat mill-ġdid l-atti proċesswali, inkluż id-dokumenti kollha eżebiti u t-testimonjanzi tax-xhieda li ddeponew quddiem l-Ewwel Qorti, biex b'hekk tkun f'posizzjoni aħjar tevalwa jekk dan l-apprezzament hekk magħmula mill-Ewwel Qorti kienx wieħed raġjonevolment u legalment validu.[1]"

Illi għalhekk dak li trid tagħmel din il-Qorti huwa li tistħarreġ jekk bil-provi mressqa l-Ewwel Qorti setgħetx tasal għad-deċiżjoni li waslet għaliha.

Illi l-Qorti ser tgħaddi issa sabiex tagħmel il-konsiderazzjonijiet tagħha dwar l-aggravji mressqa mill-appellant fir-Rikors tal-appell tiegħu.

**Ikkunsidrat**

Illi l-ewwel aggravju tal-appellant huwa li l-Prosekuzzjoni naqset li tipprova b'mod ċar id-data tal-allegat inċident u fejn seħħ l-allegat inċident. Jgħid li ma hemmx qbil bejn id-dettalji mogħtija minn Carmen Brincat u l-iSpettur John Spiteri għaliex tal-ewwel

[1] Ara, fost oħrajn, l-Appelli Kriminali Superjuri: **Ir-Repubblika ta' Malta v. Rida Salem Suleiman Shoaib**, 15 ta' Jannar 2009; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Paul Hili**, 19 ta' Ġunju 2008; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Etienne Carter**, 14 ta' Diċembru 2004; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Domenic Briffa**, 16 ta' Ottubru 2003; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Godfrey Lopez** u **Ir-Repubblika ta' Malta v. Eleno sive Lino Bezzina** 24 ta' April 2003; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Lawrence Asciak sive Axiak** 23 ta' Jannar 2003; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Mustafa Ali Larbed**, 5 ta' Lulju 2002; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Thomas sive Tommy Baldacchino**, 7 ta' Marzu 2000; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Ivan Gatt**, 1 ta' Diċembru 1994; u **Ir-Repubblika ta' Malta v. George Azzopardi**, 14 ta' Frar 1989; u l-Appelli Kriminali Inferjuri: **Il-Pulizija v. Andrew George Stone**, 12 ta' Mejju 2004; **Il-Pulizija v. Anthony Bartolo**, 6 ta' Mejju 2004; **Il-Pulizija v. Maurice Saliba**, 30 ta' April 2004; **Il-Pulizija v. Saviour Cutajar**, 30 ta' Marzu 2004; **Il-Pulizija v. Seifeddine Mohamed Marshan et**, 21 ta' Ottubru 1996; **Il-Pulizija v. Raymond Psaila et**, 12 ta' Mejju 1994; **Il-Pulizija v. Simon Paris**, 15 ta' Lulju 1996; **Il-Pulizija v. Carmel sive Chalmer Pace**, 31 ta' Mejju 1991; **Il-Pulizija v. Anthony Zammit**, 31 ta' Mejju 1991.

issemmi l-Ħamrun waqt li l-iSpettur jirreferi għal Triq it-Tiġrija, il-Marsa.

Illi dwar dan l-aggravju din il-Qorti tinnota li fl-imputazzjonijiet addebitati fil-konfront tal-appellant allura imputat hemm miktub hekk: *"talli f'dawn il-Gżejjer fix-xahar ta' Settembru 2017 u/jew fix-xhur ta' qabel b'diversi atti magħmulin minnu ukoll jekk fi żminijiet differenti u li jiksru l-istess dispożizzjoni tal-liġi u li ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda."*

Illi jirriżulta mix-xiehda tal-iSpettur John Spiteri li kien fix-xahar ta' Settembru 2017 li l-Pulizija kienu qed jidħlulha diversi rapporti rigwardanti żewġ tfajliet li kienu qed ikunu *"missing"*. Da parte tagħha, *Omissis* xehdet quddiem l-Ewwel Qorti fis-seduta tat-13 ta' Ottubru 2017 u hi qalet li dak li seħħ ġara erba' ġimgħat qabel (*a fol.* 25). Dan id-dettal iwassal bla dubju ta' xejn għal Settembru 2017. Dwar il-lokazzjoni ġeografika, fl-imputazzjoni din hija mogħtija bħala *"f'dawn il-Gżejjer"* li hija deskrizzjoni ġenerika. Ma hemmx ostakolu minħabba li min jiddeskrivi l-post bħala fil-Marsa u min jgħid fil-Hamrun għaliex ċerti toroq min jikklassifikhom bħala jaqgħu fil-Ħamrun u min jgħid li l-istess toroq qegħdin fil-Marsa u dana b'mod speċjali għal Triq it-Tiġrija. B'hekk l-ewwel aggravju qed ikun miċħud.

**Ikkunsidrat**

Illi fit-<u>tieni aggravju</u> tiegħu l-appellant jisħaq li la *Omissis* u lanqas *Omissis* ma kienu kapaċi jagħrfuh. Jgħid li tenut kont tal-fatt li *Omissis* kellha x'taqsam sesswalment ma' diversi rġiel ta' nisel Għarbi u tenut kont taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ, fuq dan il-fatt biss l-Ewwel Qorti kellha tillibera.

Illi dwar dan l-aggravju din il-Qorti tinnota li ma hemmx dubju li *Omissis* għarfet lill-appellant kif jirriżulta waqt ix-xiehda tagħha (*a fol.* 36a). Il-fatt li qed jiġi allegat li kellha x'taqsam ma' diversi rġiel ta' nisel Għarbi ma jfissirx li *Omissis* ma għarfitx lill-appellant. Għaldaqstant anke it-tieni aggravju qed ikun miċħud ukoll.

**Ikkunsidrat**

Illi t-tielet aggravju tal-appellant huwa li ma ġiex ippruvat lil hinn minn kull dubju raġonevoli li hu kellu x'jaqsam ma' *Omissis*. Jgħid li hemm kuntrast bejn dak li xehed l-iSpettur Investigattiv ma' dak li xehdu *Omissis* u *Omissis*. Jgħid li *Omissis* xehdet li kienet marret Paceville, ħadet Vodka naqra qawwi u wara l-kuġin tiegħu (tal-appellant) ħadha d-dar tiegħu. Jgħid li hi qalet li kellha x'taqsam miegħu u dan ġara xi darbtejn jew tlieta fl-istess jum u qalet ukoll li waqt l-att sesswali bdiet timbuttah imma ma setgħetx tneħħih għaliex kien tqil wisq. Jgħid li qalet li ma kinitx iddejjqet għaliex kienet tiffansjah. Jisħaq li jekk kien hemm attivita' sesswali din saret mhux bil-kunsens tal-minuri. Jgħid li x-xiehda ta' *Omissis* mhijiex kredibbli. Jgħid li hu qatt ma ammetta li kellu x'jaqsam sesswalment ma' *Omissis* u li dan huwa każ ta' "entrapment" tal-minuri għaliex din qalet dak li ried jisma' l-iSpettur. Jgħid li l-iSpettur kien qalilha li hu (l-appellant) kien ammetta li kellu x'jaqsam magħha meta hu ma kien għamel ebda ammissjoni. Jargumenta li l-minuri ma kinitx ċerta mid-dati u dwar kemm il-darba kienet raqdet għandu.

Illi l-appellant ikompli jgħid li skont *Omissis*, *Omissis* kienet qaltilha li kellha x'taqsam miegħu iżda *Omissis* ma bdietx tgħid l-istorja kollha. Jargumenta li *Omissis* lanqas ikkonfermat il-fatti u li hi ġieli ffaċilitat il-ħarba tagħhom. Jisħaq li skont din ix-xhud, *Omissis* kienet bisitu iżda hu (l-appellant) ma kienx kompla magħha. L-appellant jgħid ukoll li *Omissis* ma kkonfermax il-fatti. Jgħid li lanqas qal li *Omissis* u hu (l-appellant) kienu f'relazzjoni. Jisħaq li huwa (*Omissis*) spjega li f'dak il-lejl ma kien ra xejn ħażin u li kieku qamu *Omissis* u hu (l-appellant) kien iħosshom.

Illi l-appellant jisħaq li b'dawn id-diskrepanzi l-Ewwel Qorti ma setgħetx issibu ħati tal-ewwel żewġ imputazzjonijiet. Jgħid li x-xiehda ta' *Omissis* mhijiex ta' min joqgħod fuqha u kien biss meta l-iSpettur ġabha daharha mal-ħajt li hija qalet li kellha x'taqsam miegħu (mal-appellant). Jgħid li ma hemmx rapport minn *Omissis* li kellha xi relazzjoni miegħu u li kienet qed tiġi abbużata

sesswalment u li l-ftit li qalet fejn suppost kienet ċerta huwa kontradett minn *Omissis* u minn *Omissis* li t-tnejn kienu preżenti meta seħħ l-allegat akkadut. Jisħaq li l-konklużjoni tal-Ewwel Qorti li *Omissis* u *Omissis* ma ridux ikollhom problemi miegħu fil-futur mhijiex waħda bbażata fuq il-provi. Jgħid li l-verżjonijiet lanqas biss jaqblu jekk *Omissis* bisitux.

Illi dwar dan l-aggravju in eżami din il-Qorti reġgħet eżaminet ix-xiehda mogħtija minn *Omissis*. L-ewwel tgħid li tawha xarba Vodka qawwija u mbagħad tgħid li kien il-kuġin tal-appellant li ħadhom lejn id-dar tiegħu (tal-appellant). Minn din ix-xiehda jirriżulta li f'mument minnhom sabet lill-appellant fuqha u bdiet timbuttah minn fuqha imma kien tqil wisq għaliha. Il-fatt li kienet tiffansjah ma jneħħi xejn mill-verita' ta' fatti kif rakkontati quddiem il-Qorti u dan ftit tal-ġimgħat wara li kien seħħ l-akkadut. Din il-Qorti ma għandhiex għalfejn ikollha xi dubji dwar din ix-xiehda. Għandu jingħad li mhuwiex b'kumbinazzjoni li *Omissis* ngħatat xarba alkoħolika qawwija ħafna u li ttieħdet fil-post tal-appellant. Lanqas hemm dubju dwar x'seħħ bejn l-appellant u *Omissis* (tfajla ta' tnax (12)-il sena) għaliex *Omissis* użat il-kelma eżatta ta' x'għamel magħha l-appellant meta xehdet, preċiżament l-aħħar kelma tal-ewwel linja li tinsab *a fol.* 28.

Illi din il-Qorti tinnota li fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. John Pace** (Numru 38/2011) deċiża fil-31 ta' Ottubru 2013, din il-Qorti diversament preseduta qalet hekk:

> "Ma hemm xejn ħażin illi l-Qorti tistriħ fuq xhud wieħed biss kif *del resto* hija ntitolata li tagħmel permezz tal-Artikolu 638(2) tal-Kapitolu 9. Dan l-Artikolu jgħid illi xhud wieħed jekk emmnut minn min għandu jiġġudika fuq il-fatt hija biżżejjed biex tagħmel prova sħiħa u kompluta minn kollox, daqs kemm kieku l-fatt ġie ppruvat minn żewġ xhieda jew aktar. Naturalment din ix-xhud tkun trid tiġi evalwata fil-kuntest tal-linji gwida mogħtija mill-Artikolu 637 tal-Kapitolu 9."

Illi l-fatt li x-xiehda ta' *Omissis* u *Omissis* ma tantx għenet ma jfisser assolutament xejn u dana peress li l-Qorti trid dejjem tiżen sa fejn għandha tistrieħ fuq ċerta xhieda u mhux oħra.

Illi din il-Qorti ma taqbilx mas-sottomissjoni tal-appellant li dan kien riżultat ta' "entrapment" mill-iSpettur sabiex *Omissis* tgħid dak li huwa xtaq jisma'. Ma jirriżultax li meta *Omissis* xehdet quddiem l-Ewwel Qorti li hija kienet suġġetta għal "entrapment" jew maniġġjar minn naħa tal-iSpettur peress li mit-traskrizzjoni tad-depożizzjoni tagħha jirriżulta bl-aktar mod ċar li l-Ewwel Qorti bdiet tintervjeni f'kull mistoqsija sabiex it-tweġibiet tagħha jkunu awtentiċi.

Illi l-fatt li xhud bħala *Omissis* xehed li ma kien ra xejn f'dak il-lejl ma jfissirx li ma kien sar xejn. Dan lanqas ma jnaqqas il-kredibilita' tax-xiehda ta' *Omissis* dwar il-fatt li ma sar ebda rapport għand il-Pulizija. Jibqa' fatt mhux innegat (u dan għaliex hemm ukoll iċ-ċertifikat tat-twelid ta' *Omissis* li ma jħalli ebda dubju dwar l-eta' tagħha) li *Omissis* kienet tifla/tfajla ta' tnax-il sena u li l-liġi trid tittutela lil dawn il-persuni minħabba l-vulnerabilita' tagħhom, aktar u aktar meta dawn jispiċċaw f'ċerti djar minħabba xi diffikultajiet li jkun hemm fl-isfond familjari tagħhom.

Illi l-appellant jissottometti li lanqas hemm qbil dwar il-bews ta' *Omissis* lilu. Dwar dan din il-Qorti tinnota li hija trid tara l-kwadru kollu u li jekk ikun hemm xi ineżattezza f'xi dettal ma jfissirx li x-xhieda prinċipali ma tistax toqgħod fuqha.

Illi bħall-Ewwel Qorti, din il-Qorti issib il-verżjoni ta' *Omissis* bħala waħda veritjiera u li ta' min joqgħod fuqha. Fejn ma ftakritx, bħal xi ħwejjeġ kienet liebsa, qalet hekk u fejn qalet x'seħħ mal-appellant kienet skjetta. Lanqas jekk kienet tiffansja lill-appellant, l-appellant kellu tlieta u għoxrin (23) sena u għalhekk kien persuna akbar minnha. Fuq kollox hemm ukoll ix-xiehda ta'

*Omissis* li xehdet dwar dak li qaltilha *Omissis*. B'hekk minħabba dawn ir-raġunijiet kollha t-tielet aggravju qed ikun miċħud.

**Ikkunsidrat**

Illi fir-raba' aggravju l-appellant jargumenta li s-sentenza appellata hija waħda kontradittorja u jgħid li huwa legalment insostenibbli li hu jinstab ħati li pparteċipa f'attivitajiet sesswali ma' *Omissis* bil-kunsens u li huwa kkommetta attentat vjolenti għall-pudur fuq l-istess persuna. Jgħid li l-Ewwel Qorti kellha tiddikjara jekk kienx hemm sejbien ta' ħtija taħt Artikolu 207 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta u mbagħad tara jekk kienx hemm ħtija fuq l-aggravji kkontemplati fl-Artikolu 202(g)(k)(j) tal-istess Kapitolu.

Illi dwar dan l-aggravju din il-Qorti ma tara ebda kunflitt li l-Ewwel Qorti sabet ħtija tal-ewwel żewġ imputazzjonijiet. L-Ewwel Qorti għamlet differenza bejn (a) il-mument meta l-appellant resaq fuq *Omissis* meta mar fuqha mingħajr ma stednitu hi (anzi sabitu fuqha wara li kienet ingħatat xarba Vodka qawwija) u (b) fl-istess lejl kien hemm aktar parteċipazzjoni f'attivita' sesswali – darbtejn oħra. L-Ewwel Qorti jidher li għamlet din id-differenza u għalhekk sabet ħtija fiż-żewġ imputazzjonijiet. Apparti minn dan, din il-Qorti tinnota wkoll li fis-sentenza appellata l-Ewwel Qorti kkunsidrat it-tieni (2) imputazzjoni bħala mezz għall-fini tal-ewwel (1) imputazzjoni. Jirriżulta li l-Ewwel Qorti applikat Artikolu 17(h) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta. Isegwi li anke l-aggravju in eżami qed ikun miċħud ukoll.

**Ikkunsidrat**

Illi fil-ħames aggravju tiegħu l-appellant jisħaq li ma ġiex ippruvat li huwa wettaq reat waqt perjodu ta' sentenza sospiża. Jgħid li l-Ewwel Qorti għamlet riferenza għal sentenza eżebita mill-Prosekuzzjoni u li ġiet immarkata bħala Dok. "CP 1" liema sentenza kienet l-unika prova miġjuba. Jgħid li mis-sentenza

eżebita ma jidhirx li hu kien ġie kkundannat sitt (6) xhur priġunerija t-terminu ta' liema kien ġie sospiż.

Illi għal kull buon fini din il-Qorti tinnota li fil-verbal tas-seduta miżmuma quddiem l-Ewwel Qorti fid-19 ta' Lulju 2019 (*a fol.* 251) hemm imniżżel li l-konsulent legali tal-appellant iddikjara li ma kienx hemm il-ħtieġa li r-Reġistratur tal-Qorti jikkonferma s-sentenza. Minkejja dan, fis-seduta tas-7 ta' Jannar 2020 xehdet l-Assistent Reġistratur tal-Qrati Kriminali (*a fol.* 268) fejn ippreżentat kopja vera tas-sentenza (*a fol.* 271) mogħtija mill-Maġistrat Dr. Antonio Micallef Trigona fil-konfront tal-appellant fit-2 ta' Marzu 2017.

Illi filwaqt li din il-Qorti tinnota li l-vera kopja tas-sentenza li tinsab *a fol.* 271 hija identika għal dik li tinsab *a fol.* 229 (Dok. "CP 1" – li mhijiex vera kopja), tinnota wkoll li din is-"sentenza" hija ċitazzjoni li fuqha hemm imniżżel bil-kitba "sitt xhur priġunerija". Taħt dawn il-kliem hemm firma u hemm ukoll id-data "2.03.2017".

Illi mid-dokument/i hawn fuq imsemmija ma jirriżultax li s-sentenza ta' priġunerija kienet sospiża. Huwa tassew li l-fedina penali tal-appellant tgħid mod ieħor pero' il-prova m'għandhiex issir bil-fedina penali imma bil-kopja tas-sentenza li tgħid ċar jekk is-sitt xhur priġunerija kienux effettivi jew sospiżi. Minħabba dan, il-Qorti ser tilqa' l-ħames aggravju tal-appellant.

**Ikkunsidrat**

Illi s-<u>sitt aggravju</u> tal-appellant huwa dwar il-piena. Jisħaq li l-piena erogata fil-konfront tiegħu mill-Ewwel Qorti hija eżaġerata u jgħid li lanqas hija ċara jekk il-piena tikkomprendix is-sitt xhur priġunerija tas-sentenza sospiża.

Illi tenut kont ta' dak li ngħad hawn fuq fir-rigward tal-ħames aggravju għandu jiġi nnutat li din il-Qorti mhijiex ser iġġib fis-seħħ is-sentenza li l-Ewwel Qorti tagħmel riferenza għaliha fid-*decide* tas-sentenza appellata. Apparti minn dan, din il-Qorti ħadet

in konsiderazzjoni l-imputazzjonijiet li tagħhom l-appellant instab ħati tagħhom u liema ħtija ġiet konfermata minn din il-Qorti (għajr ir-raba' (4) imputazzjoni) u jirriżultalha li l-piena ta' tliet (3) snin priġunerija fir-rigward tal-imputazzjonijiet li tagħhom instabet ħtija u li ġiet erogata mill-Ewwel Qorti (fir-rigward tal-ewwel żewġ imputazzjonijiet) taqa' sewwasew fil-parametri tal-piena għall-imputazzjonijiet li tagħhom l-appellant instab ħati. Il-Qorti żżid billi tgħid li huwa ċar li l-piena ta' tliet (3) snin priġunerija li ġiet mogħtija mill-Ewwel Qorti fir-rigward tal-ewwel żewġ imputazzjonijiet (b'dan illi t-tieni (2) imputazzjoni ġiet ikkunsidrata bħala mezz għall-fini tal-ewwel (1) imputazzjoni) kienet waħda legalment u raġonevolment valida, mhux "*manifestly excessive*" u tirrispekja l-imputazzjonijiet li tagħhom l-appellant instab ħati. B'hekk filwaqt li din il-Qorti ser tħalli l-piena ta' tliet (3) snin priġunerija fis-seħħ, mhijiex ser tordna li s-sentenza Dok. "CP 1" tiġi fis-seħħ.

**Decide**

Għal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tilqa' *in parte* l-appell imressaq mill-appellant Mustafa Al Hmeidi u tgħaddi għalhekk biex tirriforma s-sentenza appellata billi:

- tikkonferma dik il-parti tas-sentenza appellata fejn illiberat lill-appellant mit-tielet (3) imputazzjoni;

- tikkonferma dik il-parti tas-sentenza appellata fejn sabet lill-appellant ħati tal-ewwel (1) u tat-tieni (2) imputazzjoni u fejn iddeċidiet li t-tieni (2) imputazzjoni hija mezz għall-fini tal-ewwel (1) imputazzjoni u fejn ikkundannat lill-appellant piena ta' tliet (3) snin priġunerija;

- tikkonferma dik il-parti tas-sentenza appellata fejn *ai termini* ta' Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta kkundannat lill-appellant għall-ħlas tal-ispejjeż peritali fl-ammont ta' mitejn u disgħa u ħamsin Euro u sebgħin ċenteżmu (€259.70);

- tikkonferma dik il-parti tas-sentenza appellata fejn ordnat li isem l-appellant jitpoġġa fir-Reġistru mwaqqaf a bażi ta' Kapitolu 518 tal-Liġijiet ta' Malta;

- tħassar u tirrevoka dik il-parti tas-sentenza appellata fejn fir-rigward tar-raba' (4) imputazzjoni, l-Ewwel Qorti ordnat li s-sentenza sospiża mogħtija mill-Maġistrat Dr. Antonio Micallef Trigona tibda fis-seħħ mid-data tas-sentenza appellata u minflok tiddikjara lill-appellant mhux ħati tal-imsemmija imputazzjoni u b'hekk tilliberah minn kull ħtija u piena fir-rigward tagħha u ma ġġibx fis-seħħ is-sentenza Dok. "CP 1".

Finalment, din il-Qorti tordna d-divjett tal-pubblikazzjoni ta' isem il-minuri u isem il-persuni li taw informazzjoni dwarha (għajr dawk il-persuni li jitqiesu bħala professjonisti) fi kwalunkwe mezz ta' komunikazzjoni.

**Onor. Dr. Neville Camilleri**
**Imħallef**

**Alexia Attard**
**Deputat Reġistratur**